**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 77**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 27 ta' Frar 2018 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

******* **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**

**77.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

77.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Paul Grech u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

****** Il-Kunsillier Stephen Borg u l-Kunsillier Rudolf Grima daħlu għal-laqgħa fis-7.15 ta' filgħaxija.

**77.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 75**

77.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 75 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 75

**77.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 76**

77.3.1 Il-minuti tas-seduta numru 76 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 76

****** Il-Viċi Sindku Doris Coleiro daħlet għal-laqgħa fis-7.21 ta' filgħaxija.

**77.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

77.4.1 Is-Sindku informa il-laqgħa li waqt il-laqgħa li huwa kellu ma' 'Transport Malta' fis-26 ta' Awwissu 2017 u li għaliha kien hemm preżenti xi residenti, kien ġie diskuss li Triq Borg Olivier għandha issir *one way*. Huwa saħaq li dawn l-aħħar ġimgħat inqala' diversi diżgwid dwar din it-triq u għaldaqstant talab li l-Kunsill jissuġġerrixi lil 'Transport Malta' l-punti li ġejjin: Triq Borg Olivier

- Li *heavy vechicles* ma jitħallewx jgħaddu minn din it-triq
- Li l-karozza tal-linja titla' lejn Ħad-Dingli u mhux tinżel
- Li l-karozzi tal-linja tal-iskejjel joħorġu minn Vjal l-Ħaddiem

Huwa kompla billi qal li dan jista' jkun il-bidu għal soluzzjoni li forsi taqdi l-esiġenzi ta' kulħadd.

**77.5 Pjan ta' Ħidma għal tliet snin**

77.5.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppreżenta l-Pjan ta' Ħidma 2018 - 2020 fejn ġie diskuss bejn il-Kunsilliera preżenti. Pjan ta' Ħidma 2018 - 2020

Is-Sindku ppropona li l-Pjan ta' Ħidma jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja ta' dan il-Pjan ta' Ħidma tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

**77.6 Attendenza tal-Kunsillieri skont it-termini tal-artiklu 18 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali**

77.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-attendenza tal-Kunsilliera għall-perjodu ta' bejn Lulju u Diċembru 2017. Hi ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill, li l-Kunsillier Paul Grech u l-Kunsillier Rudolf Grima naqsu milli jattendu l-laqgħat skont Artiklu 18 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

Attendenza tal-Kunsillieri skont it-termini tal-artiklu 18 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali

Fuq mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Nazju Cassar u ssekondata mis-Sindku Charles Azzopardi, il-Kunsill unanimament qabel li jiġi rrakkomandat lill-Ministru biex il-post tal-Kunsillier Grech u tal-Kunsillier Grima ma jiġix iddikjarat vakant.

**77.7 Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għażla tal-offerta għall-Ġbir ta' skart goff mil-lokalità tar-Rabat (Malta), b'metodu favur l-ambjent – RLC/T/0167/18**

77.7.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 3/2017 – Regolamenti u Linji Gwida dwar l-Akkwist (*Procurement*) mill-Kunsilli Lokali, is-Sindku ppropona li l-*Opening Staff* tal-offerta għall-Ġbir ta' skart goff mill-lokalità tar-Rabat (Malta), b'metodu favur l-ambjent, ikun kompost kif ġej:

Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għażla tal-offerta għall-Ġbir ta' skart goff mill-lokalità tar-Rabat (Malta), b'metodu favur l-ambjent – RLC/T/0167/18

*PO/OS* - Is-Sra Fabienne Vassallo
*PO/OS* - Is-Sna Janice Dingli

Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

**77.8 Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għażla tal-offerta għall-Ġbir ta' skart goff mil-lokalità tar-Rabat (Malta), b'metodu favur l-ambjent – RLC/T/0167/18**

77.8.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 3/2017 – Regolamenti u Linji Gwida dwar l-Akkwist (*Procurement*) mill-Kunsilli Lokali, is-Sindku ppropona li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-offerta għall-Ġbir ta' skart goff mil-lokalità tar-Rabat (Malta), b'metodu favur l-ambjent, ikun kompost kif ġej:

Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għażla tal-offerta għall-Ġbir ta' skart goff mil-lokalità tar-Rabat (Malta), b'metodu favur l-ambjent – RLC/T/0167/18

Ċerpersin *PO/ESR* – Is-Sur Kenneth Brincat
Evalwatur *PO/ES (Accountant* kwalifikat*)* – Is-Sur Paul Bugeja
Evalwatur *PO/ES (*Kwalifikat fi professjoni legali*)* – Dr. Mark Fenech Vella
Evalwatur *PO/ES (*Persuna teknika fis-suġġett*)* – Is-Sur Chris Falzon
Segretarju *PO/ESR* - Is-Sna Orietta Cardona

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**77.9 Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għażla tal-offerta għaż-żamma u qtugħ ta' ħaxix ta' toroq mhux urbani - Kunsill Lokali Ir-Rabat (Malta), b'użu ta' trasport b'emissjonijiet baxxi – RLC/T/0168/18**

77.9.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 3/2017 – Regolamenti u Linji Gwida dwar l-Akkwist (*Procurement*) mill-Kunsilli Lokali, is-Sindku ppropona li l-*Opening Staff* tal-offerta għaż-żamma u qtugħ ta' ħaxix ta' toroq mhux urbani - Kunsill Lokali Ir-Rabat (Malta), b'użu ta' trasport b'emissjonijiet baxxi , ikun kompost kif ġej:

Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għażla tal-offerta għaż-żamma u qtugħ ta' ħaxix ta' toroq mhux urbani - Kunsill Lokali Ir-Rabat (Malta),

*PO/OS* - Is-Sra Fabienne Vassallo
*PO/OS* - Is-Sna Janice Dingli

Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

b'użu ta' trasport b'emissjonijiet baxxi – RLC/T/0168/18

**77.10 Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għażla tal-offerta għaż-żamma u qtugħ ta' ħaxix ta' toroq mhux urbani - Kunsill Lokali Ir-Rabat (Malta), b'użu ta' trasport b'emissjonijiet baxxi – RLC/T/0168/18**

77.10.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 3/2017 – Regolamenti u Linji Gwida dwar l-Akkwist (*Procurement*) mill-Kunsilli Lokali, is-Sindku ppropona li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-offerta għaż-żamma u qtugħ ta' ħaxix ta' toroq mhux urbani - Kunsill Lokali Ir-Rabat (Malta), b'użu ta' trasport b'emissjonijiet baxxi, ikun kompost kif ġej:

Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għażla tal-offerta għaż-żamma u qtugħ ta' ħaxix ta' toroq mhux urbani - Kunsill Lokali Ir-Rabat (Malta), b'użu ta' trasport b'emissjonijiet baxxi – RLC/T/0168/18

Ċerpersin *PO/ESR* – Is-Sur Kenneth Brincat
Evalwatur *PO/ES (Accountant* kwalifikat*)* – Is-Sur Paul Bugeja
Evalwatur *PO/ES (*Kwalifikat fi professjoni legali*)* – Dr. Mark Fenech Vella
Evalwatur *PO/ES (*Persuna teknika fis-suġġett*)* – Is-Sur Chris Falzon
Segretarju *PO/ESR* - Is-Sna Orietta Cardona

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**77.11 Riżenja tal-impjegata s-Sna Janice Dingli**

77.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-ittra ta' riżenja tal-impjegata tal-Kunsill, is-Sna. Janice Dingli.

Riżenja tal-impjegata s-Sna Janice Dingli

Il-Kunsill irringrazzja lis-Sna. Janice Dingli għall-impenn li wriet tul l-impjieg tagħha mal-Kunsill.

Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li jiskatta l-proċess biex il-vakanza maħluqa permezz ta' din ir-riżenja jibda minnufih u tiġi ingaġġata persuna fi skala 13. Is-Sindku Charles Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

77.11.2 Is-Sindku ppropona li jinħatar Bord tal-Għażla għal din il-vakanza. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ppoponiet li l-Bord ikun kompost mis-Sindku Charles Azzopardi, mill-Kunsillier Ian Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna. Orietta Cardona. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**77.12 Ċirkulari Numru 1/2018 – Skema Korsijiet *Lifelong Learning* 2018-2019**

77.12.1 Is-Sindku ppreżenta Ċirkulari 1/2018 – Skema Korsijiet *Lifelong Learning* 2018-2019, fejn il-Kunsill innota li waħda mir-rekwiżiti hija li l-post irid ikun aċċessibbli skont ir-rekwiżiti tal-KNDP.

Ċirkulari Numru 1/2018 – Skema Korsijiet *Lifelong Learning* 2018-2019

Is-Sindku saħaq li l-Kunsill bħas-snin l-imgħoddija jixtieq ikompli joffri dawn il-korsijiet lir-residenti. Għaldaqstant ippropona li l-Kunsill xorta jitfa' l-applikazzjoni tiegħu għal żewg korsijiet, li huma Litteriżmu Malti (Malti Bażiku) u Spanjol (l-

ewwel livell). Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**77.13 Talba sabiex sqaq jissemma' għall-Professur Victor Griffiths**

77.13.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0266/18,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien reġa' rċieva talba mingħand is-Sur Paul Abela fejn qiegħed jitlob li l-isqaq fiż-żona imsejħa 'Tas-Salib, Limits of Rabat' jissemma' għall-Professur Victor Griffiths.

Talba sabiex sqaq jissemma' għall-Professur Victor Griffiths

Wara li l-Kunsill reġa' ddiskuta din it-talba, fuq proposta tas-Sindku Charles Azzopardi, issekondata mill-Kunsillier Ian Vassallo, il-Kunsill qabel li jilqa' din it-talba. Il-Kunsill qabel unanimament.

**77.14 Talba għal permess ta' attività – *Natalis Notabilis* 2018**

77.14.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0246/18,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand l-Organizzazzjoni Volontarja *Natalis Notabilis*, sabiex bejn is-7 u t-13 ta' Diċembru itellgħu attività bl-isem ta' *Natalis Notabilis 2018.*

Talba għal permess ta' attività – *Natalis Notabilis* 2018

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, is-Sindku ppropona li hekk kif l-organizzazzjoni tissottometti l-applikazzjoni tagħha skont S.S.L 441.04 u tali applikazzjoni tkun riċevuta, din tiġi mgħoddija għall-konsiderazzjoni u kundizzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija. Appena tali kundizzjonijiet jiġu riċevuti, il-Kunsill ikun jista' jipproċedi bil-ħruġ tal-permess. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament.

**77.15 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija – Seduti numru 38, 39, 40, 41**

77.15.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija, seduti numru 38, 39, 40 u 41 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija – Seduti numru 38, 39, 40, 41

**77.16 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

77.16.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 278 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija skeda tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 278

**77.17 Tiġdid tal-Polza Assigurazzjoni tal-Flus 2018**

77.17.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kien reġa' wasal iż-żmien biex il-Kunsill iġedded il-polza tal-assikurazzjoni tal-flus għas-sena 2018. Il-*premium*

Tiġdid tal-Polza Assigurazzjoni tal-Flus 2018

huwa ta' €65. Is-Sindku ppropona li l-polza tiġi mġedda. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

**77.18 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

77.18.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 27 ta' Marzu 2018 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

77.18.2 Il-laqgħa ntemmet fit-8.32 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ............................. ............ ta'......................... 2018

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**